*- PRIVILEGIUM FORI –*

*- ARTIKOLI 741 (c) u 767 TAL-KAP 12 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 13 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 37**
**Citazzjoni Numru: 1749/01/RCP**

**Clara Valenti**

**vs**

**Valentino Valenti**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku fid-19 ta' Jannar 1995 (Dok. "A");

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre*, il-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess kontendenti illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fir-Registru Pubbliku fid-19 ta' Jannar 1995 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Illi l-istess attrici titlob lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-19 ta' Jannar 1995 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-26 ta' Frar 2002 a fol. 11 fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* ta' l-**artikolu 741(c) u 767 tal-Kap 12** *stante* illi l-konvenut jirrisjedi f'Ghawdex u ghalhekk, igawdi mill-*"privilegium fori".*

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni attrici hija nulla u monka *stante* illi d-dikjarazzjoni tal-fatti ma gietx mahlufa minnha kif jiddisponi l-**artikolu 156(3) tal-Kap 12.**

3. Fil-mertu u dejjem bla pregudizzju, l-azzjoni attrici m'hijiex fundata fid-dritt u fil-fatt kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-7 ta' Marzu 2002 u tad-9 ta' Mejju 2002 fejn Dr. Stephen Thake ghall-attrici rrimetta ruhu ghall-atti.

Il-kawza giet differita ghall-lum 13 ta' Gunju 2002 ghal sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, fejn qed jecceppixxi li huwa jirresjedi Ghawdex u ghalhekk *ai termini* ta' l-**artikolu 741(c) u 767 tal-Kap 12** huwa jgawdi mill-*privilegium fori* u l-Qorti kompetenti hija dik tal-gzira ta' Ghawdex u mhux dik ta' Malta.

Illi ghall din l-eccezzjoni l-attrici rremetiet ruhha ghall-atti processwali minn liema jirrizulta li skond id-dikjarazzjoni annessa mal-eccezzjonijiet tal-konvenut, huwa kkonferma bil-gurament tieghu li huwa jirrisjedi Ghawdex, u fil-fatt mill-istess atti jirrizulta li huwa kellu jigi notifikat fil-fond 'Il-Panzier', Charity Street, Victoria, Gozo, u dan *ai termini* tal-**artikolu 187 (1)** tal-**Kap 12,** liema fond huwa presumibilment il-fond residenzjali tal-konvenut, u ladarba l-attrici ma resqet ebda prova sabiex tikkontradixxi l-istess allegazzjoni guramentata tal-konvenut, anzi irremettiet ruhha ghall-prova, l-unika konkluzzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha hija dik li tikkonkludi li l-konvenut ghandu r-residenza attwali tieghu Ghawdex.

Illi fil-fatt l-**artikolu 741 tal-Kap 12** jiddisponi li:-

*"L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata –*

*(c) meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."*

Illi wkoll l-**artikolu 767 tal-Kap 12** jistipula li :-

*"Il-beneficcju msemmi fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 741 huwa moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-Gzejjer".*

Illi ladarba ma hemm ebda kontestazzjonji ghall-allegazzjoni u dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa jirresjedi fil-gzira ta' Ghawdex, u la darba il-***privilegium fori*** tqajjem mill-istess konvenut, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandhom japplikaw, u dan kif ritenut fis-sentenza **"Joseph Pace vs Dun Anton Sultana"** (P.A. (RCP) 23 ta' Frar 1999)

Illi fil-fatt kif inghad fl-istess sentenza *"dawn ghandhom japplikaw anke peress li l-Artikolu 770 tal-Kap 12 ma jistax jigi applikat ghall-kaz de quo, peress li din il-kawza ma tittrattax fuq ebda ftehim li kellu jigi esegwit fi gzira partikolari"*;

Illi dan ukoll *stante* li kif inghad fl-istess decizjoni l-**artikoli 741 (c) u 767** jittrattaw dwar il-*privilegium fori* moghti lill-konvenuti specjalment u ghalhekk l-istess artikoli qed jittrattaw dwar il-kuncett ta' kompetenza u / jew inkompetenza relattiva f'kazi meta il-Qorti ghandha gurisdizzjoni anke *ai termini* tal-**artikolu 742** u din hija mibnija fuq il-kuncetti differenti u ta' natura legali distinta ta' kompetenza u gurisdizzjoni.

Illi dan tant huwa hekk li tali regoli huma regolati b'artikoli ohra fl-istess Kodici, fejn l-istess *privilegium fori* huwa ristrett skond l-**artikolu 768** u fejn l-istess beneficcju huwa addirittura terminat, kif jirrizulta skond l-**artikolu 769**.

Illi apparti dan l-**artikolu 772** jipprovdi li tali privilegg jista' jigi rinunzjat, u meta ma jigix mitlub, jitqies li gie rinunzjat, ghalkemm kontumacja titqies bhala talba ghal tali privilegg. Ovvjament li f'dan il-kaz it-talba ghall-beneficcju ta' *privilegium fori* saret regolarment u mill-ewwel.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut** u tiddikjara li *ai termini* tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** hija nkompetenti sabiex tiehu

konjizzjoni ta' din il-kawza billi l-konvenut huwa residenti Ghawdex.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Gunju 2002**